MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1395/2003

**C. Chircop Ltd**

**vs**

**Silvio Falzon**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Lulju, 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erba' mija u zewg liri maltin u disgha u sittin centezmu (Lm1402.69) rapprezentanti prodotti tal-"ironmongery' mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut u li sa issa ma thallsux.

Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 4 ta' Jannar, 2003 u 25 ta' Gunju 2003 u l-mandat kawtolatorju nru 1449/03 datat 30 ta' Gunju 2003, u bl-imghaxijiet mill-

1 ta' Novembru, 2001 kollox kontra l-koonvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u erba mija u zewg liri maltin u disgha u sittin centezmu (Lm1402.69), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat kawtelatorju numru 1449/03 u dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 2003 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------